# [Il-Festa Tagħna - San Sebastjan - Ħal Qormi]
# - Id-devozzjoni lejn San Bastjan f'Malta –

**minn Mario Coleiro**

## Atriklu li deher għall-ewwel darba fil-ġurnal L-Orizzont tal-Ħamis 14 ta' Lulju 2005

**(artiklu riprodott bil-permess ġentili kemm tal-awtur kif ukoll tal-Editur tal-Orizzont)**

Id-devozzjoni lejn dan il-qaddis f'pajjiżna hija waħda antika ħafna u imferxa sew ma' l-irkejjen kollha ta' pajjiżna. Meta Mons. Duzina kien għamel il-viżità pastorali tiegħu fl-1575 kien sab li kienu jeżistu diversi knejjes iddedikati lil dan il-qaddis. Duzina jssemi li sab knisja fis-Siġġiewi oħra fil-Birgu, f'Bubaqra, fir-Rabat, f'Bir Miftuħ, fin-Naxxar u f'Ħal Qormi. Minn dawn il-knejjes li jssemi Duzina ma baqa xejn ħlief dik tar-Rabat. San Bastjan huwa wieħed miż-żewġ qaddisin protetturi kontra l-marda qerrieda tal-pesta. Fil-qedem il-Maltin kienu jirrikorru lejn San Sebastjan u Santu Rokku kull meta l-imxijja ta' din il-marda qerrieda kienet iżżur il-gżejjer tagħna.

Ġeneralment dawn iż-żewġ qaddisin isibu rapprezentati flimkien speċjalment fil-pittura li nsibu fil-knejjes tagħna. Iżda nsibu każi ukoll fejn ikunu waħedhom. Bħal ngħidu aħna fil-qedem il-Qriema kienu bnew kappella lil San Bastjan biex jipprotegihom kontra l-pesta filwaqt li ż-Żebbuġin kienu bnew kappella lil Santu Rokku biex jinterċedi għalihom kontra din il-marda. Fl-Imdina nsibuhom rappreżentati flimkien u fil-passat kienet issir purċissjoni bħala wegħda kontra l-pesta. Fil-Belt Valletta proprju fil-Konkatidral ta' San Ġwann insibu li kappella ta' Alvernja li fuq l-artal tagħha naraw kwadru sabiħ tal-martirju ta' San Bastjan, xogħol ta' Lucas Garnier. Fil-Lunetti tal-ġnub ta' din il-kappella nsibu ukoll żewġ kwadri li juru xeni mill-ħajja ta' dan il-qaddis. Fl-istess Katidral insibu kwadru ieħor sabiħ iddedikat lil San Bastjan fejn narawħ qiegħed jiġi kkurat minn-nisa twajba: dan huwa xogħol tal-pittur Cassarino. F'Ħal Balzan dawn iż-żewġ qaddisin nerġgħu nsibuhom flimkien: hawn insibu il-kappella ta' Santu Rokku li fiha nsibu ukoll xbiha ta' San Bastjan. Fir-Rabat ta' Malta nsibu knisja antika ħafna ddedikata lil San Bastjan. Din kienet inbniet l-ewwel darba fl-1477. Fir-Rabat ukoll fil-mużew Wignacort insibu kwadru

ieħor li juri lil dawn iż-żewġ qaddisin.  Dan huwa xogħol ta' Bartolomeo Garagona.  Fil-knisja ta' Santa Marija ta' Bubaqra fiż-Żurrieq insibu kwadru li juri lil dawn iż-żewġ qaddisin. Dan il-kwadru sar biex ifakkar fiż-żewġ kappelli li ż-Żrieraq kienu bnew lil dawn iż-żewġ qaddisin padruni kontra l-pesta. Fil-knisja parrokkjali tas-Salvatur ta' Ħal Lija insibu artal iddedikat lil San Bastjan u Santu Rokku. Il-kwadru li juri lil dawn il-qaddisin flimkien mall-Madonna huwa xogħol ta' Ġużeppi D'Arena u sar fil-1710. Dan l-artal jixhed devozzjoni antika li ilha teżisti f'dan ir-raħal. Fil-knisja Kolleġjata ta' San Lawrenz tal-Birgu nsibu żewġ kwadri ddedikati lil San Bastjan. Wieħed minnhom jinsab fil-kappellla tas-sagrament u l-ieħor fil-kappella ta' Santa Katerina: dawn huma xogħol tal-pittur Filippo Paladini.

Barra minn dawn insibu bosta xbihat ta' dan il-qaddis f'kollezzjonijiet privati li jeżistu f'Malta. Bla dubju d-devozzjoni lejn San Bastjan kompliet tikber meta f'Hal Qormi saret l-istatwa tal-ġebel u wara ftit inbniet il-knisja li saret it-tieni parroċċa ta' Ħal Qormi. Iżda kif żvolġew ezatt l-affarijiet biex dan seta' jkun possibbli? Kif diġà spjegat San Sebastjan flimkien ma' Santu Rokku huma ż-żewġ qaddisin protetturi kontra l-marda qerrieda tal-pesta. Dan il-fatt kien importanti biex sa mill-qedem inxterdet devozzjoni qawwija lejn dawn iż-żewġ qaddisin fil-gżejjer tagħna.

F'Ħal Qormi jidher li mill-qedem kienet ilha teżisti devozzjoni lejn San Sebastjan. Insibu li l-Isqof Senatre de Mello fil-1436 kien għamel viżta pastorali fil-parroċċa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi u fost il-knejjes li semma, tidher waħda ddedikata lil San Sebastjan. Iktar informazzjoni nkomplu neħduha meta fil-1575 Mons. Petro Dusina għamel viżta pastorali fid-djoċesi ta' Malta u għamel żjara fil-parroċċi kollha ta' dak iż-żmien. F'din iż-żjara ha bosta noti li għalina llum huma mportanti ħafna biex jagħtuna dawl fuq kif kienet is-sitwazzjoni ta' pajjiżna ta' dak iż-żmien.

Meta għamel żjara f'Ħal Qormi, Duzina nnota knisja partikolari li kienet iddedikata lil San Sebastjan, wieħed mill-padruni kontra l-pesta. Din il-knisja kienet għadha l-istess wahda li semma Senatore De Mello 139 sena qabel, u għalekk kienet fi stat ħażin ħafna. Dan juri li l-Qriema kellhom devozzjoni kbira lejn San Bastjan li kull meta l-marda tal-pesta misset ma' pajjiżna l-Qriema dejjem irrikorrew lejħ biex jipproteġihom mill-qerda li dejjem ħalliet warajha din il-marda. Sfortunatament ħlief għal din ir-referenza ta' Duzina, ftit li xejn nafu fuq il-knisja ddedikata lil San Sebastja: la nafu fejn kienet tinsab u lanqs

meta nbniet. Maż-żmien waqgħet u ma reġgħetx inbniet.

San Sebastjan jerġa' jidher f'Ħal Qormi meta Malta intlaqtet minn waħda mill-għar imxijiet tal-pesta li qatt ħakmet lil pajjiżna u Ħal Qormi kien wieħed mill-iktar irħula li inħakem minn din il-marda qerrieda. Il-Qriema reġgħu għal darb'oħra rrikorrew lejn San Sebastjan biex dan jidħol għalihom u jeħlishom mill-madmad tal-mewt li tħalli warajha din il-marda. Sakemm damet din l-imxijja Ħal Qormi, li kien popolat ħafna, sofra tbatija kbira u nqerdu bosta nies. Il-popolazjoni naqset sew u kien hemm numru kbir ta' mejtin.

Wara li l-marda bdiet tbatti dawk li kienu ħelsuha mill-marda u baqgħu bla mittiefsa waqfu statwa tal-ġebel ta' San Sebastjan fit-tarf tar-raħal. Il-popolazzjoni ta' Ħal Qormi kompliet tikber speċjalment lejn il-port u fi ftit żmien l-inħawi ta' fejn twaqqfet l-istatwa ta' San Sebastjan intela' bin-nies u għalhekk ma damitx ma nħaset il-ħtieġa li tinbena knisja biex tkun tista' taqdi il-bżonnijiet spiritwali ta' dawn ir-residenti li kellhom ġibda mhux ħażin għall-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Kien fil-1880 li bdiet tinbena din il-knisja u tant kienet bżonnjuża li sal-1893 kienet lesta u infetħet għall-pubbliku u kien beda jinżamm is-sagrament fiha b'mod regolari. Il-popolazzjoni kompliet tikber u kien għalek li fid-19 ta' Gunju 1918 intlaqet it-talba biex din il-knisja issir viċi parroċċa. Id-digriet ħareġ fil-5 ta' Jannar 1936 u l-knisja ta' San Sebastjan saret it-tieni paroċċa ta' Ħal Qormi. Fil-limiti tagħha din il-parroċċa ħadet parti sewwa minn Ħal Qormi kif nafuħ illum. Dak iż-żmien ħafna mill-limiti tagħha kien jikkonsisti f'raba u art mhix mibnija. Illum din il-parti ta' Ħal Qormi nbniet kollha u l-parroċċa ta' San Bastjan saret waħda mill-parroċċi l-kbar ta' pajjiżna. Il-Maltin kienu jirrikorru lejn San Bastjan bħala wieħed mill-qaddisin li kien jinterċedi għalihom meta kienet tfaqqa l-marda tal-pesta. Dan il-fatt kien biżżejjed biex kif rajna d-devozzjoni lejħ tixxered u tikber.